

Linji gwida

dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin



Linji gwida tal-ABE dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin

L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament dwar l-ABE'). B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-ABE, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz meħtieġ biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-ABE dwar il-prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif għandha tiġi applikata l-liġi tal-Unjoni f'qasam partikolari. Għaldaqstant, l-ABE tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lilhom huma indirizzati dawn il-linji gwida, jikkonformaw magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom, skont kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali jew il-proċessi superviżorji tagħhom), anki meta l-linji gwida jkunu primarjament immirati għall-istituzzjonijiet.

Ir-rekwiżiti tar-rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-ABE, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-ABE dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sat-22 ta' Jannar 2013. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti ser jitqiesu mill-ABE bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi ppreżentata l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 fuq compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2012/06'. In-notifiki għandhom jiġu ppreżentati minn persuni bl-awtorità xierqa biex jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-ABE, b'konformità mal-Artikolu 16(3).

Il-werrej

Titolu I - Is-suġġett, il-kamp tal-applikazzjoni u d-definizzjonijiet	4
Titolu II- Ir-rekwiżiti dwar il-valutazzjoni tal-idoneità	5
Titolu III- Id-dispożizzjonijiet finali u l-implimentazzjoni	11
Anness 1 - Ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għal ħatriet inizjali	12

Titolu I – Is-suġġett, il-kamp tal-applikazzjoni u d-definizzjonijiet

1. Is-suġġett

Dawn il-Linji Gwida jstabbilixxu l-kriterji u l-proċessi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrispettaw meta jivvalutaw l-idoneità tal-membri proposti u maħtura tal-korp maniġerjali ta' istituzzjoni ta' kreditu kemm fil-funzjoni maniġerjali kif ukoll f'dik superviżorja tiegħu. Il-Linji Gwida jstabbilixxu dispożizzjonijiet għall-valutazzjoni ta' titolari ta' funzjonijiet ewlenin. Il-Linji Gwida jinkludu miżuri applikabbli f'każijiet li fihom it-tali persuni ma jkunux adattati għall-kariga kkonċernata.

2. Id-definizzjonijiet

Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- a. 'korp maniġerjali' tfisser il-korp (jew korpi) ta' tmexxija ta' istituzzjoni ta' kreditu, li jinvolvi l-funzjoni superviżorja u dik maniġerjali, li għandu l-awtorità tat-teħid tad-deċiżjoni finali u li ngħata s-setgħa li jstabbilixxi l-istrateġija, l-għanijiet u d-direzzjoni ġenerali tal-istituzzjoni ta' kreditu;
- b. 'korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu' tfisser il-korp maniġerjali li jaġixxi fil-funzjoni superviżorja tiegħu u jħares u jissorvelja t-teħid tad-deċiżjonijiet tal-maniġment;
- c. 'membru' tfisser membru propost jew maħtur tal-korp maniġerjali;
- d. 'titolari ta' funzjonijiet ewlenin' huma dawk il-membri tal-persunal li l-karigi tagħhom jagħtu influwenza notevoli fuq id-direzzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu, iżda li mhumiex membri tal-korp maniġerjali. It-titolari ta' funzjonijiet ewlenin jistgħu jinkludu kapijiet ta' linji operazzjonali importanti, fergħat taż-ŻEE, sussidjarji minn pajjiżi terzi, funzjonijiet interni ta' appoġġ u kontroll.

3. Il-kamp tal-applikazzjoni u l-livell tal-applikazzjoni

3.1. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti u għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fl-art. 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE, għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji kif iddefiniti fl-artikolu 4 (19) tad-Direttiva 2006/48/KE, u għall-kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta kif iddefiniti fl-artikolu 2 (15) tad-Direttiva 2002/87/KE fil-każ ta' konglomerat finanzjarju li l-iktar settur importanti tiegħu huwa dak bankarju kif iddefinit fl-Artikolu 3 (2) tad-Direttiva 2002/87/KE, li hawnhekk kollha kemm huma ser jissejnu "istituzzjonijiet ta' kreditu". Ir-rwol tal-kumpaniji azzjonarji jvarja mir-rwol tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, u għaldaqstant, il-proċess u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-idoneità għandhom jiġu applikati b'mod proporzjonat, filwaqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għamla, l-iskala u l-kumplessità tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja u r-relazzjoni partikolari tal-membri tal-korp maniġerjali jew tat-titolari ta' funzjoni ewlenija mal-istituzzjoni ta' kreditu.

3.2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- a. meta japplikaw biex jiġu awtorizzati bħala istituzzjoni ta' kreditu;
- b. meta membri ġodda tal-korp maniġerjali jridu jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti;
- u

-
- c. kull meta dan ikun xieraq, fir-rigward tal-membri maħtura tal-korp maniġerjali.
- 3.3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jidentifikaw it-titolari ta' funzjonijiet ewlenin u jivvalutaw l-idoneità tagħhom b'konformità mal-politika dwar in-nomina u s-suċċessjoni ta' individwi b'funzjonijiet ewlenin.
- 3.4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw l-idoneità ta' membru tal-korp maniġerjali fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- meta tidħol applikazzjoni biex tiġi awtorizzata istituzzjoni ta' kreditu;
 - meta tidħol notifika jew applikazzjoni dwar il-ħatra ta' membru ġdid tal-korp maniġerjali; u
 - kull meta dan ikun xieraq, fir-rigward ta' membri maħtura tal-korp maniġerjali.

Titolu II- Ir-rekwiżiti dwar il-valutazzjoni tal-idoneità

Kapitolu I – Ir-responsabilitajiet u l-kriterji tal-valutazzjoni ġenerali

4. Ir-responsabilitajiet

- 4.1. Primarjament, il-valutazzjoni tal-idoneità inizjali u kurrenti tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin għandha tkun ir-responsabilità tal-istituzzjoni ta' kreditu.
- 4.2. Jekk jeżisti kumitat tan-nomina jew ekwivalenti, għandu jikkontribwixxi b'mod attiv għat-tweqqif tar-responsabilità tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-adozzjoni ta' politiki interni xierqa dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin.

5. Il-kriterji tal-valutazzjoni ġenerali

- 5.1. Il-valutazzjoni tal-esperjenza tal-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni l-għamla, l-iskala u l-komplessità tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu kif ukoll ir-responsabilitajiet tal-kariga kkonċernata. Il-livell u l-għamla tal-esperjenza meħtieġa minn membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu jistgħu jvarjaw minn dawk li huma meħtieġa minn membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu.
- 5.2. Fi kwalunkwe każ, il-membri tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin għandu jkollhom reputazzjoni tajba, indipendentement mill-għamla, mill-iskala u mill-komplessità tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu.
- 5.3. Jekk ikun hemm kwistjoni li tixfiet dubju fuq l-esperjenza jew fuq ir-reputazzjoni tajba ta' membru tal-korp maniġerjali u tat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin, għandha titwettag valutazzjoni dwar kif din tista' jew ser tħalli l-marka tagħha fuq l-idoneità ta' dik il-persuna. Għandhom jittiegħdu f'kunsiderazzjoni l-kwistjonijiet kollha relevanti u disponibbli għall-valutazzjoni, indipendentement minn meta u fejn seħħew.

Kapitolu II – Il-valutazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu

6. Il-valutazzjoni tal-idoneità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu

- 6.1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 13 sa 15 u b'konformità mal-Linji Gwida tal-ABE dwar il-

Governanza Interna fil-Kapitolu B.2 u jżommu r-rekords tal-valutazzjoni u r-riżultati. Kull meta dan ikun possibbli, il-valutazzjoni għandha ssir qabel ma l-membri jidhru fil-kariga tiegħu jew tagħha. Jekk dan mhux possibbli, il-valutazzjoni għandha ssir malajr kemm huwa prattikabbilment possibbli, iżda f'kull każ għandha ssir fi żmien sitt ġimgħat.

6.2. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jerrgħu jivvalutaw l-idoneità ta' membru tal-korp maniġerjali meta l-avvenimenti jrendu rivalutazzjoni neċessarja biex tiġi vverifikata l-idoneità kontinwa tal-persuna. Din tista' tkun limitata għall-analiżi ta' jekk il-membri jibqax idoneu filwaqt li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-avveniment rilevanti.

6.3. Meta jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalutaw jekk il-korp maniġerjali huwiex idoneu b'mod kollettiv. Id-dgħufijiet fi ndan is-sawra globali tal-korp maniġerjali jew tal-kumitati tiegħu mhux bilfors għandhom iwasslu għall-konklużjoni li membru partikolari mhux idoneu.

6.4. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tivvaluta l-idoneità ta' titolari ta' funzjonijiet ewlenin qabel jinħatru, terġa' tivvaluta l-idoneità tagħhom kif xieraq u żżomm ir-rekords tal-valutazzjonijiet u r-riżultati tagħhom.

7. Il-politiki tal-istituzzjonijiet ta' kreditu dwar l-idoneità

7.1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom politika biex jagħżlu u jivvalutaw il-membri tal-korp maniġerjali li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-għamla, l-iskala u l-komplessità tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu u li tal-inqas tistabbilixxi:

- a. l-individwu jew il-funzjoni responsabbli għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-idoneità;
- b. il-proċedura interna applikabbli għall-valutazzjoni tal-idoneità ta' membru;
- c. il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji ta' membru tal-korp maniġerjali meħtieġa biex jiġi ssopponut li l-membri għandu biżżejjed kompetenza,
- d. it-tagħrif u l-provi li membru tal-korp maniġerjali għandu jipprovdi lill-istituzzjoni ta' kreditu għal valutazzjoni;
- e. jekk il-membri għandu jinħatar mill-partijiet interessati, il-miżuri meħtuda biex jiġi żgurat li l-partijiet interessati huma mgħarrfa bir-reqwiżiti għall-kariga u bil-profil rilevanti tal-persuni qabel jinħatru; u
- f. is-sitwazzjonijiet li fihom għandha titwettaq rivalutazzjoni tal-idoneità, flimkien ma' miżuri biex jiġu identifikati t-tali sitwazzjonijiet. Dawn għandhom jinkludu reqwiżiti li l-membri tal-korp maniġerjali għandhom jinnotifikaw kwalunkwe bidla materjali lill-istituzzjoni ta' kreditu u jistgħu jinkludu notifiki annwali tal-bidliet li jolqtu l-konformità tagħhom mar-reqwiżiti rilevanti.
- g. modi li bihom l-istituzzjoni ta' kreditu ser tippovdi opportunitajiet ta' taħriġ, f'każ li hemm ħtiġijiet speċifiċi ta' taħriġ u żvilupp tal-membri tal-korp maniġerjali tagħha.

7.2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom fis-seħħ politika għall-valutazzjoni tal-idoneità ta' titolari ta' funzjonijiet ewlenin, li tiegħu f'kunsiderazzjoni l-għamla, l-iskala u l-komplessità tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu u li tal-inqas tistabbilixxi:

- a. il-karigi li għalihom hemm bżonn ta' valutazzjoni tal-idoneità;
- b. l-individwi jew il-funzjoni responsabbli għat-twettiq tal-valutazzjoni tal-idoneità; u
- c. il-kriterji għar-reputazzjoni u l-esperjenza li għandhom jiġu vvalutati għall-kariga speċifika.

7.3 Il-politiki tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-esperjenza differenti meħtieġa għall-karigi speċifiċi fil-korp maniġerjali, inklużi karigi meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' liġijiet nazzjonali dwar rappreżentanti tal-impjegati.

8. Il-miżuri korrettivi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu

8.1. Jekk valutazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu tikkonkludi li persuna mhijiex adattata biex tinħatar bħala membru tal-korp maniġerjali, dik il-persuna ma għandhiex tinħatar jew jekk il-membru diġà jkun maħtur, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiegħu miżuri xierqa biex tibdel dan il-membru sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma tiħux il-miżuri xierqa biex tiżgura l-idoneità tal-membru fil-ħin.

8.2. Jekk ir-valutazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu tikkonkludi li membru tal-korp maniġerjali ma għadux adattat, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tirranġa s-sitwazzjoni u tgħarraf lill-awtorità kompetenti dwar dan.

8.3. Meta istituzzjoni ta' kreditu tiegħu miżuri, għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjoni u n-nuqqasijiet partikolari tal-membru; il-miżuri xierqa jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, aġġustament tar-responsabilitajiet bejn il-membri tal-korp maniġerjali; sostituzzjoni ta' ċerti persuni; u taħriġ lil membri individwali jew lill-korp maniġerjali sħiħ biex jiġi żgurat li l-kwalifika u l-esperjenza kollettiva tal-korp maniġerjali huma biżżejjed.

8.4. Jekk valutazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu tikkonkludi li titolari ta' funzjoni ewlenija mhuwiex adattat, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiegħu l-miżuri xierqa.

Kapitolu III – Il-valutazzjoni mis-superviżuri

9. L-applikazzjoni jew in-notifika

9.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu proċedura ta' applikazzjoni jew notifika applikabbli għall-ħatra jew il-ħatra mill-ġdid ta' membru tal-korp maniġerjali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu regoli dwar meta għandhom isiru t-tali applikazzjonijiet jew notifiċi.

9.2. Fuq talba tal-awtorità kompetenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu t-tagħrif miktub kollu meħtieġ biex jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali, inkluż it-tagħrif li jinsab fl-Anness I. Għal kwalunkwe ħatra mill-ġdid, dan it-tagħrif jista' jkun limitat għal bidliet relevanti u tagħrif addizzjonali.

9.3. Il-membru tal-korp maniġerjali kkonċernat għandu jivverifika li t-tagħrif ipprovdut huwa preċiż. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tivverifika li t-tagħrif ipprovdut huwa preċiż skont l-għarfien tagħha.

9.4. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti meta jiġi tterminat l-impjegat ta' membru tal-korp maniġerjali, filwaqt li jispjegaw ir-raġunijiet.

10. Il-proċess tal-valutazzjoni

10.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-proċess applikabbli għall-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali huwa disponibbli b'mod pubbliku.

10.2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħmlu distinzjoni bejn il-proċess applikabbli għall-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u fil-funzjoni superviżorja tiegħu, kif ukoll bejn l-awtorizzazzjoni inizjali ta' istituzzjoni ta' kreditu u l-emendi sussegwenti, skont l-ispeċifikitajiet

nazzjonali, id-daqs u l-istruttura tas-settur bankarju u l-liġijiet nazzjonali dwar il-governanza tal-kumpaniji.

11. It-teknika tal-valutazzjoni

11.1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw it-tagħrif ipprovdut mill-istituzzjoni ta' kreditu, jitolbu iktar provi ta' reputazzjoni jew esperjenza skont kemm ikun hemm bżonn u jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafi 13 sa 15 ta' dawn il-Linji Gwida.

11.2. Meta jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali wara awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu fiċ-ċirkustanzi deskritti fil-paragrafi 3(4b) u 3(4c) iktar 'il fuq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw għażla ta' dawn il-kriterji u jallokaw lhom importanza differenti, filwaqt li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-liġi nazzjonali rilevanti kif ukoll ir-riżultat tar-reviżjoni tal-politiki u l-proċeduri speċifiċi stabbiliti mill-istituzzjoni ta' kreditu għall-valutazzjoni tal-idoneità ta' dawn il-persuni. B'mod partikolari, fil-każ tal-paragrafu 3 (4c), ir-rivalutazzjoni tal-idoneità għandha tkun marbuta maċ-ċirkustanzi li wasslu għar-rivalutazzjoni.

11.3. B'konformità mal-liġi nazzjonali u b'approċċ ibbażat fuq ir-riskji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintervistaw persuni meta jivvalutaw l-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali. Meta dan ikun xieraq, il-proċess tal-intervista jista' jservi wkoll biex terġa' tiġi vvalutata l-idoneità ta' membru tal-korp maniġerjali meta fatti jew ċirkustanzi jixħtu dubji dwar l-idoneità ta' dan il-membri. Il-proċess tal-intervista jista' jintuża biex jiġu vvalutati l-għarfien, l-esperjenza u l-applikazzjoni tal-ħiliet fix-xogħlijiet ta' qabel tal-kandidat propost, kif ukoll kif il-kwalitajiet tal-kandidat propost huma marbutin mal-ħiliet u mal-esperjenza tal-membri eżistenti tal-korp maniġerjali. Il-ħiliet ivvalutati jistgħu jinkludu d-deċiżività, il-viżjoni strateġika, il-ġudizzju fuq riskji, is-sens ta' tmexxija, l-indipendenza fil-ħsieb, is-setgħa persważiva, u l-ħila u r-rieda li l-kandidat jimpenja ruħu f'taġħlim u żvilupp kontinwu.

11.4. Il-valutazzjoni skont il-paragrafu 3 (4b) mill-awtorità kompetenti għandha titlesta malajr kemm huwa prattikabbilment possibbli; l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi perjodu minimu ta' żmien għall-valutazzjoni tagħha li ma għandux jaqbeż is-sitt xhur. Il-perjodu għall-valutazzjoni għandu jibda mal-wasla tal-applikazzjoni jew tan-notifika sħiħa.

11.5. Meta awtorità kompetenti diġà tkun ivvalutat l-idoneità ta' membru fl-imgħoddi, ir-rekord rilevanti għandu jiġi aġġornat kif xieraq.

11.6. Awtorità kompetenti tista' tiegħu f'kunsiderazzjoni l-valutazzjonijiet tal-idoneità minn awtoritajiet kompetenti oħrajn. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirċievu u jagħtu tagħrif rilevanti dwar l-idoneità ta' persuni, meta jintalab hekk.

11.7. L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-istituzzjoni ta' kreditu bir-riżultati tal-valutazzjoni.

11.8. L-awtoritajiet kompetenti tista' tivvaluta l-idoneità ta' titolari ta' funzjonijiet ewlenin u għandha tiżgura li l-proċess applikabbli jkun disponibbli għall-pubbliku.

12. Il-miżuri korrettivi tas-superviżjoni

12.1. Meta membru jew istituzzjoni ta' kreditu jonqsu milli jipprovdut tagħrif biżżejjed dwar l-idoneità ta' membru lill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha toġġezzjona jew ma tapprovax il-ħatra ta' dik il-persuna.

12.2. Jekk membru tal-korp maniġerjali ma jitqiesx idoneu, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-istituzzjoni ta' kreditu biex jew ma taħtarx lill-membri jew jekk il-membri diġà jkun maħtur, titlobha tiegħu l-miżuri xierqa biex tibdlu.

12.3. F'każijiet meta l-miżuri ta' istituzzjoni ta' kreditu meħuda skont il-paragrafu 8 ikunu inadegwati, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw huma stess il-miżuri korrettivi xierqa.

Kapitolu IV – Il-kriterji tal-valutazzjoni

13. Il-kriterji tar-reputazzjoni

13.1. Membru tal-korp maniġerjali għandu jitqies ta' reputazzjoni tajba jekk ma jkun hemm l-ebda prova li tissuġġerixxi mod ieħor u l-ebda raġuni biex jinxtiehet dubju raġonevoli dwar ir-reputazzjoni tajba tiegħu. Għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni t-tagħrif kollu disponibbli għall-valutazzjoni, mingħajr preġudizzju għal xi limitazzjonijiet imposti mil-liġi nazzjonali u indipendentement mill-istat li fihom seħħew kwalunkwe avvenimenti rilevanti.

13.2. Membru tal-korp maniġerjali ma għandux jiġi kkunsidrat ta' reputazzjoni tajba jekk il-kondotta personali jew tax-xogħol tiegħu twassal għal xi dubju materjali dwar il-fiducia tiegħu li jiżgura l-ġestjoni soda u prudenti tal-istituzzjoni ta' kreditu.

13.3. Kwalunkwe rekords kriminali jew amministrattivi rilevanti għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni, filwaqt li jiġu kkunsidrati t-tip ta' kundanna jew akkuża, il-livell tal-appell, il-piena riċevuta, il-fażi tal-proċess ġuridiku mil-fuq u l-effett ta' kwalunkwe miżuri ta' riabilitazzjoni. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll iċ-ċirkustanzi ta' sfond, kif ukoll dawk ta' mitigazzjoni, u s-serjetà ta' kwalunkwe reat jew azzjoni amministrattiva jew superviżorja rilevanti, il-perjodu ta' żmien u l-imġiba tal-membri wara r-reat u r-relevanza tar-reat jew l-azzjoni amministrattiva jew superviżorja għar-rwol propost.

13.4. Għandhom jiġu kkunsidrati l-effetti kumulattivi ta' inċidenti inqas importanti, li ma jħallux il-marka fuq ir-reputazzjoni ta' membru iżda li f'daqqa jista' jkollhom impatt materjali.

13.5. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni b'mod partikolari l-fatturi li ġejjin, li jistgħu jixħtu dubju fuq ir-reputazzjoni tajba ta' membru:

- a. kundanna jew prosekuzzjoni ta' reat, b'mod partikolari:
 - i. reati skont il-liġijiet li jirregolaw l-attività bankarja, finanzjarja, tat-titoli, tal-assigurazzjoni, jew li jikkonċernaw swieq tat-titoli jew strumenti tat-titoli jew tal-filas, inklużi liġijiet dwar ħasil tal-flus, manipulazzjoni tas-suq, jew abbuż minn informazzjoni privileġġata u użura;
 - ii. reati ta' diżonestà, frodi jew reati finanzjarji;
 - iii. reati tat-taxxa;
 - iv. reati oħrajn skont il-leġiżlazzjoni dwar il-kumpaniji, il-falliment, l-insolvenza jew il-protezzjoni tal-konsumatur;
- b. investigazzjonijiet attwali jew fl-imgħoddi li huma rilevanti u/jew azzjonijiet ta' infurzar marbutin mal-membri, jew l-għoti ta' sanzjonijiet amministrattivi għal nuqqas ta' konformità ma' dispożizzjonijiet li jirregolaw attivitajiet bankarji, finanzjarji, tat-titoli jew tal-assigurazzjoni jew dawk li jikkonċernaw swieq tat-titoli, strumenti tat-titoli jew tal-filas, jew kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji;
- c. investigazzjonijiet attwali jew fl-imgħoddi li huma rilevanti u/jew azzjonijiet ta' infurzar minn kwalunkwe korp regolatorju jew professjonali ieħor għal nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe dispożizzjonijiet rilevanti.

13.6. Għandha tingħata attenzjoni għall-fatturi li ġejjin dwar il-proprjetà tal-membri f'negozjar kummerċjali fl-imgħoddi:

- a. kwalunkwe provi li l-membri ma kienx trasparenti, miftuħ u kooperattivi fin-negozjati tiegħu ma' awtoritajiet superviżorji jew regolatorji;
- b. ċaħda ta' kwalunkwe reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija, jew liċenzja biex iwettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew revoka, irritar, jew terminazzjoni tat-tali reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew tal-gvern;
- c. ir-raġunijiet għal kwalunkwe tkeċċija minn impjeg jew kwalunkwe pożizzjoni ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja, jew sitwazzjoni simili, jew talba biex jirriżenja minn impjeg f'pożizzjoni b'hal din; u
- d. skwalifika mill-awtorità kompetenti milli jaġixxi b'hal persuna li tmexxi n-negozju.

13.7. Għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni s-sitwazzjonijiet li ġejjin dwar il-prestazzjoni u s-solidità finanzjarja fl-imgħoddi u fil-preżent ta' membri fir-rigward tal-impatt potenzjali tagħhom fuq ir-reputazzjoni tal-membri:

- a. inklużjoni fil-lista ta' debituri mhux affidabbli jew kwalunkwe rekords negattivi fuq din it-tip ta' lista mmexxija minn uffiċċju rikonoxxut tal-kreditu, jekk disponibbli;
- b. il-prestazzjoni finanzjarja u tan-negozju tal-entitajiet li huma proprjetà jew immexxija mill-membri jew li fihom il-membri kellu jew għandu sehem notevoli b'kunsiderazzjoni speċjali għal kwalunkwe riabilitazzjoni, falliment u proċeduri ta' stralċ u jekk u kif il-membri kkontribwixxa għas-sitwazzjoni li wasslet għall-proċeduri;
- c. dikjarazzjoni ta' falliment personali; u
- d. kawżi ċivili, proċedimenti amministrattivi jew kriminali, investimenti jew skoperturi kbar u self meħud, sa fejn dawn jista' jkollhom impatt notevoli fuq is-solidità finanzjarja.

14. Il-kriterji tal-esperjenza

14.1. Il-valutazzjoni tal-esperjenza ta' membri għandha tiegħu f'kunsiderazzjoni kemm l-esperjenza teorika miksuba permezz ta' edukazzjoni u taħriġ kif ukoll l-esperjenza Prattika miksuba f'xogħlijiet preċedenti. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħiliet u l-għarfien miksuba u murija mill-imġiba professjonali tal-membri.

14.2. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-esperjenza teorika ta' membri, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni partikolari l-livell u l-profil tal-edukazzjoni u jekk dawn humiex marbutin ma' servizzi bankarji u finanzjarji jew oqsma rilevanti oħrajn. B'mod ġenerali, l-edukazzjoni fl-oqsma tal-bankarja u tal-finanzi, l-ekonomija, il-liġi, l-amministrazzjoni, ir-regolamentazzjoni finanzjarja u l-metodi kwantitattivi jistgħu jitqiesu marbutin ma' servizzi bankarji u finanzjarji.

14.3. Il-valutazzjoni ma għandhiex tkun limitata għall-grad edukattiv jew prova ta' ċertu perjodu ta' servizz f'istituzzjoni ta' kreditu jew ditta oħra. Għandha titwettaq analiżi iktar dettaljata tal-esperjenza Prattika tal-membri peress li l-għarfien miksub minn xogħlijiet preċedenti jiddependi mill-għamla, mill-iskala u mill-kumplessità tan-negozju kif ukoll mill-funzjoni mwettqa fi ħdanu.

14.4. Meta tiġi vvalutata l-esperjenza ta' membri tal-korp manidgerjali, għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni partikolari l-esperjenza teorika u Prattika marbuta ma':

- a. swieq finanzjarji;
- b. qafas u rekwiżiti regolatorji;
- c. ippjanar strateġiku, u fehim tal-istrateġija jew il-pjan direzzjonali tan-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu u t-tweqqig tagħhom;

- d. ġestjoni tar-riskju (identifikazzjoni, valutazzjoni, monitoraġġ, kontroll u mitigazzjoni tat-tipi ewlenin ta' riskju ta' istituzzjoni ta' kreditu, inklużi r-responsabilitajiet tal-membru);
- e. valutazzjoni tal-effettività tal-arranġamenti ta' istituzzjoni ta' kreditu, li joħolqu governanza, sorveljanza u kontrolli effettivi; u
- f. interpretazzjoni tal-informazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, billi jiġu identifikati kwistjonijiet ewlenin fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni u kontrolli u miżuri xierqa.

14.5. Membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu għandu jkun kiseb biżżejjed esperjenza Prattika u professjonali minn pożizzjoni maniġerjali matul perjodu twil biżżejjed. Pożizzjonijiet għal perjodu qasir jew temporanji jistgħu jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni, iżda normalment mhumiex biżżejjed biex wieħed jissoponi biżżejjed esperjenza. Għandha tiġi vvalutata l-esperjenza professjonali u Prattika miksuba minn karigi preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward:

- a. tat-tul tas-servizz;
- b. tal-għamla u tal-kumplessità tan-negozju fejn kien inkarigat il-membru, inkluża l-istruttura organizzazzjonali tiegħu;
- c. il-kamp tal-applikazzjoni tal-kompetenzi, is-setgħat tat-teħid ta' deċiżjoni, u r-responsabilitajiet;
- d. l-għarfien tekniku miksub permezz tal-pożizzjoni dwar in-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu u fehim tar-riskji li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jaffaċċjaw
- e. in-numru ta' nies li ħadmu taħtu.

14.6. Membru tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandu jkollu biżżejjed esperjenza biex ikun jista' jipprovdi oġġezzjoni kostruttiva għad-deċiżjonijiet u jissorvelja b'mod effettiv il-funzjoni maniġerjali. L-esperjenza tista' tinkiseb minn pożizzjonijiet akkademiċi, amministrattivi jew oħrajn jew permezz tal-ġestjoni, tas-superviżjoni jew tal-kontroll ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew ditti oħrajn. Il-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom ikunu kapaċi juru li għandhom, jew ser ikunu kapaċi jiksbu, l-għarfien tekniku meħtieġ biex ikunu jistgħu jifhmu tajjeb biżżejjed in-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu u r-riskji li taffaċċja.

15. Il-kriterji tal-governanza

15.1. Meta tiġi vvalutata l-idoneità ta' membru, iridu jiġu vvalutati wkoll kriterji oħrajn relevanti għall-funzjonament tal-korp maniġerjali, inklużi kunflitti ta' interess potenzjali, il-ħila li jiddedika biżżejjed ħin, is-sawra ġenerali tal-korp maniġerjali, l-għarfien u l-kompetenza kollettivi meħtieġa u l-abilità tal-membri biex iwettqu dmirijiethom b'mod indipendenti mingħajr influwenza żejda minn persuni oħra.

15.2. Fil-valutazzjoni tal-indipendenza ta' membru, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin:

- a. il-karigi fl-imgħoddi u fil-preżent fl-istituzzjoni ta' kreditu jew ditti oħrajn;
- b. relazzjonijiet personali, professjonali jew oħrajn ekonomiċi mal-membri tal-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tagħhom, fl-istess istituzzjoni ta' kreditu, fil-kumpanija prinċipali jew fis-sussidjarji tagħha; u
- c. relazzjonijiet personali, professjonali jew oħrajn ekonomiċi mal-azzjonisti li jkollhom il-kontroll tal-istess istituzzjonijiet ta' kreditu, mal-istituzzjoni prinċipali jew mas-sussidjarji tagħhom.

15.3. Il-korp maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu jeħtieġ li b'mod kollettiv ikollu biżżejjed esperjenza Prattika fl-istituzzjonijiet ta' kreditu.

Titolu III- Id-dispożizzjonijiet finali u l-implimentazzjoni

16. L-implimentazzjoni

L-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw mal-Linji Gwida sat-22 ta' Mejju 2013.

Anness 1 - Ir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni għal ħatriet inizjali

Tagħrif li għandu jiġi inkluż fin-notifika tal-ħatra tal-membri tal-korp maniġerjali:

1. Isem il-persuna li għandha tinħatar
2. Il-curriculum vitae, inklużi:
 - a. I-isem sħiħ, I-isem tat-twelid
 - b. il-post u d-data tat-twelid
 - c. I-indirizz
 - d. iċ-ċittadinanza
 - e. deskrizzjoni dettaljata tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali
 - f. I-esperjenza professjonali, inklużi I-ismijiet tal-organizzazzjonijiet kollha li għalihom ħadmet il-persuna u I-għamla u d-dewma tal-funzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari għal kwalunkwe attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kariga fil-mira. Għall-karigi fl-aħħar 10 snin, meta jiġu deskritti dawn I-attivitajiet, il-persuna għandha tispeċifika s-setgħat delegati tagħha, is-setgħat ta' teħid ta' deċiżjonijiet interni u I-oqsma tal-operaturi taħt il-kontroll tagħha, inkluż I-għadd ta' impjegati. Jekk is-CV tinkludi attivitajiet onorarji, inkluża rappreżentazzjoni tal-korp maniġerjali, dan għandu jiġi ddikjarat.
 - g. jekk huma disponibbli, referenzi tal-impjegaturi ta' mill-inqas I-aħħar tliet snin
3. Dikjarazzjoni dwar jekk hemmx proċeduri kriminali pendenti jew jekk il-persuna jew kwalunkwe organizzazzjoni mmexxija minnha kinitx involuta bħala debitur fi proċeduri ta' insolvenza jew proċedura paragonabbli.
4. Jekk disponibbli, ir-rekords kriminali u t-tagħrif rilevanti dwar investigazzjonijiet u proċeduri kriminali, il-kawżi ċivili u amministrattivi rilevanti, u I-azzjonijiet dixxiplinarji (inkluża skwalifika bħala direttur tal-kumpanija, falliment, insolvenza u proċeduri simili);
5. Tagħrif, jekk rilevanti, dwar:
 - a. investigazzjonijiet, proċeduri ta' infurzar, jew sanzjonijiet minn awtorità superviżorja li I-persuna kienet soġġetta għalihom;
 - b. każi ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja biex twettaq kummerċ, negozju jew professjoni; jew I-irtirar, ir-revoka jew it-terminazzjoni ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni, sħubija jew liċenzja; jew tkeċċija minn korp regolatorju jew ta' tmexxija;
 - c. tkeċċija minn impjieg jew kariga ta' fiduċja, relazzjoni fiduċjarja, jew sitwazzjoni simili, jew jekk il-persuna ntalbet tirriżenja minn impjieg f'pożizzjoni bħal din;
 - d. jekk valutazzjoni tar-reputazzjoni bħala persuna li tmexxi n-negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu twettqitx diġà minn awtorità kompetenti oħra (inklużi I-identità ta' dik I-awtorità u I-provi tar-riżultat ta' din il-valutazzjoni);
 - e. jekk twettqitx diġà xi valutazzjoni oħra qabel minn awtorità minn settur ieħor mhux finanzjarju (inklużi I-identità ta' dik I-awtorità u I-provi tar-riżultat ta' din il-valutazzjoni)
6. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe interessi finanzjarji (eż. self, azzjonijiet) u mhux finanzjarji jew relazzjonijiet (eż. relazzjonijiet mill-qrib bħal konjuġi, sieħeb/sieħba rreġistrati, f'koabitazzjoni, tfal, ġenitur jew relazzjoni oħra li fiha I-persuna taqsam I-akkomodazzjoni tal-għajxien tagħha) tal-persuna u/jew tal-qraba tagħha ma' membri tal-korp maniġerjali u mat-titolari ta' funzjonijiet ewlenin fl-istess istituzzjoni ta' kreditu, I-istituzzjoni prinċipali u s-sussidjarji u I-azzjonisti li jkollhom il-kontroll.
7. Il-kariga li għaliha I-persuna inħatret/ser tinħatar.

8. Rekord tar-riżultati tal-valutazzjoni tal-idoneità tal-istituzzjonijiet ta' kreditu